MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 37/2012

**A B**
**vs**
**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Sasha Guillamier**
**permezz tal-21 ta' Marzu 2012 gew bhala Kuraturi Deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-Rikors Guramentat tal-attur A B tas-17 ta' Frar 2012 li permezz tieghu wara li ppremetta:

"Illi l-kontendenti izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar elfejn u hamsa (2005) u dana bhal ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

Illi l-kontendenti minn dan z-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti ma ghadiex aktar possibbili peress illi l-hajja flimkien ma hijiex aktar possibbili peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi r-rikorrent talab u ottjena l-awtorizzazjoni mehtiega sabiex jipprocedi f'din l-istanza;

Illi l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali fil-hamsa (5) ta' Awwissu elfejn u hdax (2011) u l-esponenti ma jafx fejn tinsab;

Illi ma hemmx lok ghal rikonciliazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;"

Talab li din il-Qorti :

1. "Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba, li a tenur ta' artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hajja flimkien ma hijiex aktar possibbili stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbilit porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-kontendenti.

Bl-ispejjes tal-presenti kontra l-intimata illi hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat.

Rat illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 2012 gew nominati kuraturi deputati kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-konvenuta li tinsab assenti minn dawn il-Gzejjer.

Rat li l-kuraturi deputati gew notifikati ghall-ewwel darba b'dawn il-proceduri fit-18 ta' Marzu 2013

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi pprezentata fit-2 ta' April 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' April 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Provi**.

Jirrizulta li l-partijiet izzewgu f'Monastir it-Tunezija fit-22 ta' Frar 2005 liema zwieg gie registrat sussegwentement hawn Malta. Sussegwentement il-partijiet gew jirrisjedu gewwa Malta. L-attur xehed illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal u li kienet il-konvenuta li abbandunat id-dar matrimonjali fil-5 ta' Awwissu 2011 u marret lura fil-pajjiz ta' l-origini taghha ir-Russja. L-attur isostni li m'ghandux dettalji tar-residenza attwali taghha.

Ma tressqu ebda provi dwar xi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

Mill-provi imressqa jirrizulta li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba li l-konvenuta allontanat ruhha mid-dar matrimonjali. Ma jidhirx li hemm possibilta' ta' rikonciljazzjoni u l-partijiet ilhom separati *de facto* sa minn Awwissu tas-sena 2011.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti konjugi B.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejn il-partijiet. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara illi dawk il-mobbli li qeghdin fil-pussess tal-attur qed jigu assenjati lilu u dawk il-mobbli li qeghdin fil-pussess tal-konvenuta qed jigu assenjati lilha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C D B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------